# Il-Knisja Parrokkjali il-Qadima

Kitba ta' **Matthew Theuma**



Kien propju nhar id-29 ta' Awwissu 1679 meta il-poplu ħabrieki ta' dan ir-raħal qata' xewqtu u ra l-ħara tal-Għarb tiġi mgħollija għad-dinjita ta' parroċċa.

Ħafna huma dawk li jafu l-istorja tat-twaqqif tal-parroċċa imma ftit huma dawk konxji ta' dak li għaddiet minnu l-ewwel knisja parrokjali ta' dan ir-raħal li kellha tkun dik magħrufa sa żmienna bħala taż-Żejt. Dawk li huma kbar fl-eta' jafu din il-knisja bħala tal-Virtut jew il-knisja t'isfel. Fejn illum insibu il-knisja taż-Żejt naraw li qabel dik eżistenti kien hemm oħrajn li kienu ġew ipprofanati jew skonsagrati. L-ewwel knisja li kien hemm iġġarrfet u ġiet mibnija oħra fuq il-fdalijiet tagħha li ġiet ukoll ipprofanata fl-1657 mill-Isqof Balaguer. Dan kollu jinsab miktub fuq il-bieb ta' din il-knisja fi skrizzjoni li saret fi żmien l-Isqof Fra Lorenzo Astiria (1668-1678).

Mal-medda tas-snin, il-knisja ta' qabel din tallum kienet iġġarfet imma reġgħet ġiet irranġata u tlestiet fl-1662. F'dan iż-żmien insibu li diġa kienet issir il-festa tal-Madonna tal-Viżitazzjoni u dan kien issir minn kapital li kellha din il-knisja għal dan l-iskop. Fil-viżta pastorali ta' Fra Astria fit-12 ta' Ġunju tal-1673 jgħid li kella biżżejjed renti fis-sena biex ma tiġix ipprofanata. Minkejja li ta l-permess biex tkompli tintuża, xorta rrakkomanda li tinbena knisja ġdida. U hekk kien għax fis-sena 1675 beda il-bini u fis-1678 tlestiet il-knisja li naraw illum. Meta l-Għarb inqata' parroċċa kien hawn 550 ruħ li kienu maqsumin f'100 każata.

L-art li inbniet fuqha kienet donazzjoni tal-familja Abela. Sena biss wara li tlesta l-bini, din il-knisja ġiet mgħollija għad-dinjita ta' parroċċa biex hekk kienet it-tieni

parroċċa mwaqqfa f'Għawdex, bl-ewwel kappilan ikun Dun Ġamri Camilleri li kellu r-residenza parrokkjali tiegħu fi Triq San Pietru. Din ir-residenza għada teżisti sallum u ġġib l-isem "tal-Felwa. Din il-knisja għandha arkitettura ta' stil doriku. Il-knisja minn ġewwa kienet imqassma b'dan il-mod - faċċata kif tidħol wieħed seta' jara l-artal maġġur li jinsab fuq presbiterju ċkejken b'żewġ sagristiji fuq kull naħa u bit-titular li jirrappreżenta il-laqgħa ta' Marija ma' Eliżabetta. Dan it-titular li hu twil seba' piedi u wiesa' ħames piedi kellu x-xbieha tal-Madonna b'kuruna tal-fidda fuq rasha. Din il-pittura hija attribwita lil Stefano Erardi u dan ħareġ minn studju li sar meta fl-1996 dan il-kwadru ġie rrestawrat u ikkonservat min-*National Museum of Fine Arts*. Fiż-żmien li fih l-Għarb inqata' parroċċa nsibu li din il-knisja kellha titular ieħor li kien tħallas minn Vitorja Micallef u sar fis-sena 1651. Dan il-kwadru titular kien jinsab fuq l-artal maġġur li fuqu aktar tard fl-1688 twaqqfet il-fratellanza tas-Santissimu Sagrament. Dan l-artal kien tal-ġebel u kellu quddiemu ventartal tal-ġild li jirrappreżenta l-Viżitazzjoni tal-Madonna. Fuq in-naħa tax-xellug fl-ewwel arkata wieħed seta' jsib l-artal iddedikat lill- Madonna tar-Rużarju u li ma dan l-artal aktar tard fis-sena 1688 twaqqfet il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Il-kwadru ta' dan l-artal hu aktarx l-istess wieħed li illum jinsab fuq l-artal laterali tax-xellug fil-knisja Bażilika. Aktarx li dak iż-żmien dan il-kwadru kien forma ta' arkata biex jidħol eżatt ġol-arkata fil-knisja taż-Żejt imma meta ġie trasferit lejn il-parroċċa l-ġdida sarulu żidiet fil-kantunieri ta' fuq ħalli jiġi fil-forma kwadra skont il-ġwarniċ tal-knisja l-ġdida. Fuq in-naħa tal-lemin kien hemm l-artal iddedikat lill-Madonna tal-Erwieħ tal-Purgatorju li wara ġie ddedikat li Santa Marija Madalena fis-sena 1865. Jekk wieħed jibqa' nieżel għaż-żewġ arkati l-oħra (biex nifthemu fejn illum insibu n-niċċa ta' San Ġużepp u fejn hemm il-Kurċifiss) kien hemm żewġ bibien, wieħed faċċata tal-ieħor, wieħed iħares lejn it-Tramuntana u l-ieħor għan-Nofsinhar.

Il-Kurċifiss li naraw illum inħadem fl-1924 mil-artist Wistin Camilleri u dan ħa post ieħor antik magħmul fl-injam u li llum jinsab fis-Seminarju maġġuri ta' Għawdex. Fl-aħħar żewġ arkati fejn illum insibu r-rixtellu u l-gallarija tal-orgni kien u għad hemm il-fonti tal-Magħmudija, bil-bażi tiegħu tal-ġebla maltija u in-naħa ta' fuq magħmul mill-injam. Faċċata kien hemm dak il-Kurċifiss li illum jinsab fis-Seminarja ta' Għawdex. Din il-knisja tul il-korsija tagħha kellha għoxrin qabar.

Maż-żmien, f'din il-knisja komplew jiżdiedu diversi opri. F'Novembru tal-1859 tpittret fuq l-injam il-prospettiva tal-artal maġġur u fi Frar tas-sena 1863 inħiet id-damask ta' din il-knisja li sewa' 59 skud u 7 t'irbiegħi u dan kien imħallas minn ċertu Salvu Xerri. Fl-1902 fuq in-naħa ta' wara tat-tribuna inbena l-kampnar li naraw illum u fih tpoġġew żewġt iqniepen. Fl-1958 sar l-artal maġġur tal-irħam mid-ditta Fratelli Bartorelli ta' Milan.

Referenzi

- Il-knisja l-qadima tal-Viżitazzjoni tal-B.V. Marija fl-Għarb Għawdex, miktub minn Mons. Achille Cauchi
- Il-ktieb tal-Kan.Prep. Dun Salv Camillieri
- Għawdex bil-Ġrajja tiegħu ta' Agius de Soldanis




*Ritratt meħud mal-altar il-ġdid nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2016*